MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2009

Appell Kriminali Numru. 156/2009

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Carmel Tonna**

Il-Qorti,
Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fid-29 t'Awissu 2008, ghall-habta tas-1.55 p.m. fil-Furjana:
1. espona taxi bin-numru tar-registrazzjoni JTY 125 barra mill-venda jew post provdut ghal dan il-ghan;
2. ipparkja l-imsemmija vettura f'post ipprojbit;
3. m'obdix l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija esekuttiva, fixkilhom jew b'xi mod iehor gab fix-xejn dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-5 ta' Mejju, 2009, li biha, ma sabitux hati w illiberatu.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fl-20 ta' Mejju, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma w timmodifika s-sentenza appellata, billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn illiberat lill-appellat mill-ewwel u t-tieni imputazzjoni, tirrevokaha f'dik il-parti fejn il-Qorti lliberat lill-appellat mit-tielet imputazzjoni w minflok isib lill-appellat hati ta' din l-imputazzjoni w tinfliggi l-piena skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant Avukat Generali fil-qosor, jikkonsisti filli l-Ewwel Qorti ghaddiet ghad-decizjoni taghha wara li nterpretat u applikat b'mod skorret l-artikolu 338(ee) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Mis-sentenza johrog car li l-Ewwel Qorti enuncjat b'mod skorrett l-ipotesi ta' l-artikolu 338(ee) u mbaghad applikat ghall-fatti tal-kaz kif rizultanti mill-provi li tressqu quddiema mill-prosekuzzjoni, din l-ipotesi skorretta. Li kieku l-Qorti nterpretat korrettement l-ipotesi tal-ligi w applikat din l-interpretazzjoni ghall-fatti, kieku kellha bil-fors issib htija fl-appellat fit-tielet imputazzjoni.

Rat l-affidavit ta' PS 325 Patrick Bonnici, semghet ix-xhieda ta' Emmanuel Gatt u tal-appellat;.

Semghet it-trattazzjoni ;

Ikkonsidrat;

Illi fl-Affidavit tieghu, **PS 325 Patrick Bonnici** ddikjara li fid-29 t' Awwissu, 2008, ghall-habta tat-13.55 hrs., waqt li kien ronda fi Triq il-Vittmi tal-Gwerra Furjanizi fil-Floriana, ezattament fejn is-Sea Terminal, innota li kien hemm diversi vetturi weqfin fuq *"taxi stand during ferry operations only"* u fosthom kien hemm vettura taxi numru JTY 125. Hu mar fuq ix-xufier, cioe' l-appellat, li kien qed jitlob lit-turisti jekk riedux Taxi w ordnalu sabiex inehhi l-vettura minn hemmhekk u jmur fil-venda tat-taxis, ghax

dak il-hin ma kienx hemm "*ferry operation*" u ghalhekk dak il-hin dik it-*taxi stand* ma kienetx qed topera bhala venda. L-appellant qallu li ma kienx ser inehhi l-vettura ghax dik it-tabella kienet kontra l-ligi w mhux awtorizzata mill-Awtorita' Dwar it-Trasport u qallu wkoll li jekk deherlu xi haga, kellu jharrku. Hu infurmah li kien qed jirrifjuta li jobdi l-ordni legittima ta' ufficjal pubbliku w li jekk ma kienx ser inehhi l-vettura, hu kien ser johrog it-tahrikiet necessarji, pero' l-appellant baqa' jghid li ser ihalli l-vettura fejn kienet u li hu kellu jaghmel xogholu. Dak il-hin kien hemm *cruise liner* u taht l-imsemmija tabella kien hemm il-hinijiet u l-granet li ser jahdem il-"Ferry" matul ix-xahar ta' Awwissu, 2008. Il-hinijiet tad-29 t' Awwissu, 2008 kienu 0700 hrs., 17,00 hrs., 18,30 hrs u 23,00 hrs. Meta kellem lill-Emmanuel Gatt tal-Awtorita' dwar it-Trasport Pubbliku, dan kien ikkonfermalu li dik it-tabella kienet imwahhla legalment mill-Awtorita' bi ftehim mal-Pulizija w mal-Ghaqda tat-Taxis bojod. Ghalhekk hu hareg it-tahrikiet necessarji.

Il-prosekuzzjoni rrinunzjat ghax-xhieda ta' **Emmanuel Gatt**.

**L-Appellant** xehed li fid-data in kwistjoni hu kien qieghed bit-“taxi” tieghu fejn jidhol il-“catamaran” u s-“sea plane” u mar fuqu s-Surgent Bonnici w qallu li ma setax jibqa' hemm. Meta hu ma telaqx s-Surgent talbu l-“particulars” tieghu w hu tahomlu. Is-Surgent qallu li kien ser jirrapurtah. Hu deherlu li ma kellux jitlaq minn hemm ghaliex hemmhekk kien “taxi stand” u kien ghalhekk li ma warrabx.

Ikkonsidrat;

Illi fil-motivazzjoni taghha biex illiberat lill-appellat mill-akkuzi dedotti kontra tieghu, l-Ewwel Qorti l-ewwel qalet li *"l-akkuzat deherlu li kien wieqaf fejn jintitolah u ghalhekk oppona l-ordni tal-kuntistabbli".* Pero' b' dana kollu illiberat lill-appellat ghax qalet li ma "*tarax fejn tista' tissussisti l-akkuza, anzi l-akkuzi, riportati fic-citazzjoni stante li ma taqbilx li l-akkuzat kien prekluz li jipparkeggja f' zona rizervata ghal taxis anki jekk kwalifikata"*

Illi dejjem gie ritenut mill-Qrati li ordni legittimu moghti mill-Pulizija ghandu dejjem jigi obdut u bla dewmien, salv id-dritt li wiehed jirreklama dwar il-gustizzja intrinska ta' dak l-ordni (App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Austin Grech"** [6.10.1992]). Gie ukoll ritenut li ordni jitqies li hu legittimu ghall-finijiet tal-kontravvenzjoni kkontemplata fil-paragrafu (ee) tal-artikolu 338 tal-Kodici Kriminali, jekk ikun *prima facie* legittimu, igifieri jkun *prima facie* regolari fil-kontenut tieghu w fil-forma li fih jinghata.(ara App. Krim' **"Il-Pulizija vs. Maria Victoria sive Marvic Attard Gialanze"** [25.6.1997].

Ghalhekk, indipendentement mill-fatt jekk is-sinjal kienx validu w awtorizzat mill-Awtorita' kompetenti, xorta wahda jibqa' li, ladarba is-Surgent kien ordna lill-appellat li jwarrab minn  hemm u dan sar b' mod regolari w bil-forma regolari, dak l-ordni kellu jigi obdut minnufieh u bla ezitazzjoni. In-nuqqas tal-appellat li jaghmel dan jirrendih hati tar-reat kontravvenzjonali in dizamina.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell tal-Avukat Generali w tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu ma sabitx lill-appellat hati tal-ewwel zewg imputazzjonijiet u illiberatu minnhom  u tirrevokaha in kwantu ma sabitx lill-appellat hati tat-tielet imputazzjoni w minnflok issibu hati taghha u wara li rat l-artikolu 338 (ee) tal-Kap. 9, tikkundannah ghall-ammenda ta' hamsin Ewro. (€50).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------